MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 761/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Morgan Azzopardi)
**vs**
**Joseph Tabone**

Il-Qorti,

Wara li rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Joseph Tabone, ta` 25 sena, iben Emanuel u Anna nee’ Galea, mwieled Pieta’ fis-16 t’ Awwissu 1976 u residenti Block C3 Flat1, Government Housing Estate, Fgura u detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 442276(M).

1. Talli fl-10 ta’ Marzu 2002, gewwa r-‘Relations Bar’ f’Wied il-Ghajn minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rosello Cassar detentur tal-Karta

ta' l-identita bin-numru 187979(M), skond kif iccertifika Dr. R. Portelli M.D., liema offiza ggib sfregju gravi jew permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn, ai termini tal-artikolu 218 (1b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon–ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat fis-seduta ta' llum ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi kontrih u hekk issibu hati.

Rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338 (dd), 17 (c), 20, 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta stante li wara din il-glieda bejn il-familja rega' beda jsaltan s-sliem kif irrizulta mit-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni u l-Qorti tittama li jkompli.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati tilliberah that il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien (3) snin mill-llum. Il-Qorti qed tfisser b'mod car lill-hati ir-responsabilitajiet tieghu taht tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u qed taghtih it-twissijiet hekk kif titlob il-ligi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni 'a tenur' tal-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9. Tilqaghha u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' mitt lira Maltija (LM100) ghal zmien sena fil-konfront ta' Rosello Cassar.

. (ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------